# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 26 ta' Settembru 2022**

**Att t'akkuża numru 6/2018 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Abdirashid Adan GULED**

**ta' 28 sena, iben Adan Guled u Suad, imwieled is-Somalja nhar it-3 ta' Mejju 1994, residenti San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 112562A**

**Il-Qorti,**

Rat l-att t'akkuża miġjub fil-konfront ta' **Abdirashid Adan GULED**, fejn ġie akkużat (in suċċint) talli:

F'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 t'Ottubru 2016 u fil-jiem ta' qabel:

1. **Importa jew daħħal f'Malta il-pjanta "Khat"** u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta ma kellux liċenza jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza u li tawtorizza l-importazzjoni ta' din is-sustanza perikoluża;
2. **Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta "Khat" fl-intier tagħha jew parti minnha** u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta ma kellux liċenza jew

awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza u li tawtorizza l-importazzjoni ta' din is-sustanza perikoluża **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-uzu esklussiv tiegħu**.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli u immobbli oħra tal-ħati skont ma hemm u skont ma jintqal fl-artikoli 40A, 40B(1)(b) 2(a), 120A, 120E u 121A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall-kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat.

Rat l-atti ta' din il-kawża.

Rat li l-akkużat ma preżentax nota b'eċċezzjonijiet preliminari għalkemm preżenta nota datata 14 ta' Ġunju 2018 li fiha indika li ried itella' żewġ xhieda fil-ġuri.

Rat illi din il-kawża kienet imsejħa biex jiġi ffurmat ġuri għas-seduta tal-lum stess.

Rat ukoll li pero, fil-mori, ġie preżentat rikors konġunt bejn l-akkużat u l-Avukat Ġenerali datat 22 ta' Settembru 2022 fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali fejn iddikjaraw illi huma kienu qablu fit-termini tal-imsemmi artikolu illi fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat GULED għall-akkużi imsemmija u miġjuba kontra tiegħu, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' sentejn priġunerija flimkien ma multa ta' sebat elef euro (€7000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9 u 31 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u proprjeta mobbli u immobbli appartenenti lill-istess akkużat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkużat Abdirashid Adan GULED fil-preżenza tal-interpreti nominati kif ukoll tal-Avukat Difensur, l-akkużat ġie mistoqsi jekk huwiex ħati skond l-Att tal-Akkuża, u huwa wieġeb billi stqarr illi huwa ħati tal-akkużi kollha lilu addebitati fl-Att tal-Akkuża surriferit.

Rat illi wara li l-Qorti, ukoll fil-preżenza tal-interpreti nominati kif ukoll tal-Avukat Difensur:

(a) wissiet lill-istess akkużat GULED bi kliem sempliċi u li jinftiehem iżda fl-istess ħin b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali u fattwali ta' din it-tweġiba; u
(b) tatu żmien biżżejjed sabiex, wara li jkun ukoll ikkonsulta privatament mal-avukat tal-fiduċja tiegħu fil-preżenza tal-interpreti nominati, jirrifletti sew fuq din id-deċiżjoni tiegħu u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa' lura minnha, u dan skont kif obbligata li tagħmel fis-sensi tal-artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi wara d-dekors ta' dan iż-żmien, il-Qorti reġgħet sejħet il-kawża tal-akkużat u l-istess akkużat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu u fil-preżenza tal-interpreti nominati ġie mistoqsi mill-Qorti sabiex jgħid x'kienet se tkun id-deċiżjoni aħħarija tiegħu u bi tweġiba l-akkużat baqa' jtenni li huwa ħati.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni inkondizzjonata u li ġiet imtennija kif intqal iżjed il-fuq, il-Qorti qegħda ssib u tiddikjara tiddikjara lil Abdirashid Adan GULED **ħati** talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 t'Ottubru 2016 u fil-jiem ta' qabel:

1. **Importa jew daħħal f'Malta il-pjanta "Khat"** u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta ma kellux liċenza jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza u li tawtorizza l-importazzjoni ta' din is-sustanza perikoluża u

2. **Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta "Khat" fl-intier tagħha jew parti minnha** u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta ma kellux liċenza jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza u li tawtorizza l-importazzjoni ta' din is-sustanza perikoluża **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-uzu esklussiv tiegħu**.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti qieset li l-kwistjoni tal-użu tal-pjanta "khat" f'Malta hija prinċipalment marbuta mal-komunitajiet ta' immigranti ġejjin mill-inħawi tal-"Corno d'Africa", fejn f'pajjiżi bħall-Etjopja, Somalja u l-Kenja fost l-oħrajn din il-konsum ta' din il-pjanta huwa mxerred sew. Kull fejn dawn il-komunitajiet infirxu madwar id-dinja, ġarrew magħhom ukoll l-użanzi tagħhom, fosthom anke l-konsum ta' din il-pjanta, inkluż f'kuntesti soċjali speċifiċi. Hekk ġara wkoll f'Malta. Għall-bidu, bħal ma ġara fil-każ **The Police vs. Aweys Maani Khayre**, deċiż mil-Qorti diversament presjeduta nhar it-3 ta' Lulju 2009, l-akkużat li importa u kien fil-pussess tal-pjanta "khat" kien ġie liberat minn akkużi ta' importazzjoni u pussess tas-sustanzi cathine u cathinone minħabba r-raġunijiet imsemmija fl-istess sentenza, fosthom li f'dak il-każ il-pjanta ma kienetx projbita filwaqt li dawn iż-żewġt ingredjenti attivi kienu jokkurru f'dik il-pjanta b'mod naturali.

Iżda bħal ma ġara fir-Renju Unit, hekk ukoll f'Malta, fl-2014 il-Parlament iddeċieda li jipprojbixxi d-dħul f'Malta ta' din il-pjanta u l-konsegwenti użu, pussess eċċetra. Bl-Att XXIV tal-2014 ġie introdott l-artikolu 40B tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta li jippreskrivi illi:

> 40B.(1) Kull persuna li –
> (a) tikkoltiva il-pjanta Khat; jew
> (b) timporta jew iddaħħal fi, jew tesporta minn, Malta l-pjant Khat; jew
> (ċ) ikollha fil-pussess tagħha (ħlief waqt it-tranżitu f'Malta jew fl-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Khat fl-intier tagħha jew xi porzjon minnha; jew
> (d) tbiegħ jew tittraffika il-pjanta Khat fl-intier tagħha jew xi porzjon minnha; jew
> (e) tassoċja ruħha ma' xi persuna jew persuna oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex tbiegħ jew tittraffika l-pjanta Khat f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew li tippromovi, tikkostitwixxi, torganizza jew tiffinanzja l-assoċjazzjoni, tkun ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza:
>
> Iżda t-tifsira "jittraffika" f'dan l-artikolu għandu jkollha l-istess tifsira mogħti lilha bl-artikolu 120A(1B).
>
> (2) Kull persuna akkużata b'reat kontra dan l-artikolu għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif jordna l-Avukat Ġenerali, u jekk tinsab ħatja teħel, għal kull reat –
>
> (a) meta tinsab ħatja mill-Qorti Kriminali priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minnerba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu

(465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta ugħoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73); jew

(b) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmeninċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn tlietmija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Dan allura jfisser li l-azzjoni tal-akkużat li biha daħħal f'Malta il-pjanta "Khat" fiż-żmien imsemmi fl-att tal-akkuża kien jikkostitwixxi reat kriminali punibbli kif spjegat iżjed il-fuq.

Din il-Qorti qieset ukoll li f'Malta il-każistika dwar każijiet simili hija fl-infanzja tagħha. Għalhekk ħarset ukoll barra minn Malta biex tara kif, f'dawk il-pajjiżi li ltaqgħu ma dan il-fenomenu rrispondew għalih. Fir-Renju Unit, huwa meqjus li l-importazzjoni u l-pussess ta' din il-pjanta huwa wkoll kriminalizzat sa mill-2014. Din id-deċiżjoni ta' repressjoni penali ġabet magħha polemiċi sħaħ, b'mod partikolari fost il-komunitajiet Kenjani fejn hemm industriji sħaħ mibnija fuq il-koltivazzjoni u l-esportazzjoni tal-pjanta "khat" prinċipalment lid-dijaspora Kenjana u dawk tal-pajjiżi limitrofi madwar id-dinja. Jirriżulta wkoll li l-Leġislatur Britanniku għażel li jqiegħed il-pjanta "khat" mal-"Class C, Schedule 1 Drugs", iġifieri dawk li huma ta' l-inqas ħsara lil persuna u konsegwentement lis-soċjeta. L-importazzjoni tagħha tista twassal għall-piena massima ta' erbatax il-sena priġunerija flimkien ma multa; filwaqt li l-pusess ta' din il-pjanta tista' twassal għall-piena massima ta' sentejn priġunerija u multa. Fil-prattika pero, anke fil-każijiet ta' importazzjoni ta' ammonti sostanzjali ta' pjanta khat, il-Qrati fir-Renju Unit jakkordaw pieni li iżjed jersqu lejn il-minimu, aktar milli lejn il-massimu ta' dawk applikabbli. Hekk ukoll jirriżulta li ġara f'dan il-każ kif rifless fir-rikors konġunt tal-akkużat u l-Avukat Ġenerali imsemmi izjed il-fuq.

## Ikkunsidrat

Rat ukoll ix-xiehda tax-Xjenzat dottor Godwin Sammut u r-relazzjoni tiegħu (Dok GS) a fol 36, rigwardanti s-sejba tal-pjanta "khat" imsemmija fejn mill-analiżi tagħha irriżulta li huwa identifika bħala li kien fiha s-sustanza cathinone u liema sustanza hija kontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima

IV, artikolu 40B tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn allura l-piż totali tal-pjanta kien ta' ftit iżjed minn kilogramma, bl-eżatt 1000.85 grammi.

Illi kif ġie deċiż ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża fis-26 ta' Frar 2009 fejn intqal is-segwenti:

> S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil talfatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

Din il-Qorti qieset diversi fatturi li għandhom x'jaqsmu ma dan il-każ, fosthom:

a. Il-livell ta' koperazzjoni tal-akkużat mal-Investigaturi f'dan il-każ;
b. Din l-ammissjoni pero ma tistax titqies bħala waħda bikrija stante li l-ftehim sar lejlet iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġuri;
c. Iżda, bis-saħħa ta' din l-ammissjoni qabel is-smiegħ tal-każ tiegħu l-akkużat evita iżjed xogħol u spejjeż għall-Istat Malti li jistgħu jiġu diretti lejn il-ħemel każijiet oħrajn li hemm pendenti;
d. Il-fedina penali tal-akkużat f'Malta kienet waħda netta, u li turi li l-akkużat ma kellu ebda kundanna oħra f'Malta qabel ma nqabad b'dan il-każ;
e. Qieset **<u>iċ-ċirkostanzi u l-fatti kollha ta' dan il-każ</u>**, inkluż il-provi diretti u indiretti miġbura matul il-kors tal-kumpilazzjoni, u mhux l-anqas id-diversi xhieda li xehdu, nonche n-natura tad-droga innifisha, il-piż u l-ingredjent attiv in kwistjoni kif ukoll aspetti oħra li l-letteratura odjerna tispjega dwar il-konsum ta' din il-pjanta u l-mod differenti kif Stati diversi jitrattaw dan l-istess fenomenu.

Meta qieset dan kollu, , il-Qorti tqis li għandha, f'dan il-każ partikolari, tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors konġunt.

Għaldaqstant wara li rat l-artikoli 40A, 40B(1)(b)(ċ)(2)(a), 120A, 120E u 121A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, u 533 tal-Kodiċi Kriminali issib lil Abdirashid Adan GULED, wara li iktar il-fuq sabitu ħati fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat fl-att tal-akkuża, tikkundannah għall-piena ta' **<u>sentejn priġunerija flimkien ma multa ta' sebat elef euro (€7,000).</u>**

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna wkoll lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-perizji inkorsi f'dan il-każ fl-ammont ta' **ħamest elef, mitejn sebgħa u sebgħin euro tmienja u tmenin ċenteżmu (€5277.88).**

Wara li semgħet it-talba tal-akkużat seduta stante u qieset it-tweġiba tal-Avukat Ġenerali u wara li rat l-artikoli 14, 28 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li:

(a) il-multa imposta titħallas permezz ta' pagamenti mensili, suċċessivi u ininterrotti ta' mija ħamsa u disgħin euro (€195); filwaqt li
(b) l-ispejjeż tal-kawża jitħalsu permezz ta' pagamenti mensili, suċċessivi u ininterrotti ta' mija u ħamsin euro (€150)

bl-ewwel rata tkun dovuta fi żmien xahar minn meta l-ħati jkun skonta s-sentenza karċerarja mogħtija lilu u liema ħlas għandu jibqa' jsir ininterrottament sakemm jitħallas il-bilanċ kollu dovut minnu fiż-żmien konċess.

Jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati imsemmija iżjed il-fuq, jew xi biċċa minnha, il-ħati jitqies li jkun tilef il-benefiċċju taż-żmien konċess lilu u l-ammont bilanċjali sħiħ li jkun fadal ikun irid jitħallas minnufih; u dan oltre dak kollu li jipprovdi l-Kodiċi Kriminali fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas tal-istess multa u/jew tal-ispejjeż peritali, inkluż il-konverżjoni tal-istess f'termini ta' priġunerija skont il-Liġi, skont il-każ.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat nonche l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati.

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota, li għandha tiġi preżentata **fi żmien xahar** mid-data tas-sentenza li d-droga eżebita hija meħtiega b'konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, id-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha għandhom jiġu meqruda a kura tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali u dan taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali li għandha tagħmel verbal u reġistrazzjoni video ta' tali distruzzjoni u li għandhom jinġiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appożita u b'kopja li għandha tigi innotifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**